MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 811/2001/1

**John u Therese Cachia.**

**-vs-**

**1. Emmdor Limited,**
**2. Emanuel Vassallo,**
**3. Michael Debono.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Mejju, 2001 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-atturi huma proprjetarji tal-maisonette bil-gnien cirkondanti liema maisonette hija mmarkat internament bin-

numru erba (4) msejjah “Windrush” (illum maghrufa bhala “Il-Palma”) u l-garaxx taht l-istess maisonette u li huwa parti minn blokk ta’ bini faccata tat-Triq ix-Xtut, Qawra liema proprjeta tinsab fl-istess Triq ix-Xtut Qawra limiti ta’ San Pawl il-Bahar;

Illi nhar il-Gimgha 23 ta’ Marzu 2001 il-konvenuti jew min minnhom minghajr ebda dritt, abbuzivament, klandestinament u illegalment qabdu u poggew jew saghqu vettura tat-tip Morris 1000 ta’ lewn ikhal car bin-numru tar-registrazzjoni CAJ 284 fid-drive-in tal-mittenti fil-proprjeta hawn fuq imsemmija b’tali mod li l-konvenuti jew min minnhom mhux biss ingumbraw l-access liberu ghall-proprjeta tal-mittenti izda bl-agir taghhom qeghdin jinkumbraw parti mill-proprjeta tal-atturi hawn fuq imsemmija meta jafu li ma ghandhom ebda dritt ai termini tal-ligi jaghmlu dan fuq l-imsemmija proprjeta’ u dan anke kkonfermat permezz ta’ digriet datat 5 ta’ Dicembru 2000 moghti minn dina l-Onorabbli Qorti fl-atti tal-Mandat ta’ inibizzjoni bin-numru 4300/00 ppresentat minn wiehed mill-konvenuti meta ppruvaw jwaqqfu lill-atturi li jesercitaw dritt li l-istess konvenuti kienu ben konxji li l-istess atturi ghandhom.

Illi dan l-agir jikkostitwixxi spoll privileggat bi pregudizzju tal-atturi u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju jirripristinaw l-access liberu tad-drive-in fil-proprjeta bil-gnien cirkondanti immarkat internament bin-numru erba (4) msejjah “Windrush” (illum maghrufa bhala “Il-Palma”) u l-garaxx tahta fil-blokk ta’ bini li jinsab fi Triq ix-Xtut, Qawra liema proprjeta tinsab fl-istess Triq ix-Xtut Qawra limiti ta’ San Pawl l-Bahar u jergghu jgibu libera u minghajr ingombru l-istess drive-in kif kienet qabel il-Gimgha 23 ta’ Marzu 2001 minn kull ingombru li hemm

fiha b’mod partikolari vettura tat-tip Morris 1000 ta’ lewn ikhal car bin-numru tar-registrazzjoni CAJ 284;

1. Tawtorizza lill-atturi li fin-nuqqas li l-konvenuti jittemporaw ruhom mal-ordni ta’ dina l-Onorabbli Qorti huma jipprocedu sabiex jrendu d-drive-in libera u accessibbli minn kull xkiel ghas-spejjes tal-istess konvenuti.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali mibghuta fl- ta’ April 2001. Il-konvenuta mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ipprezentata fil-11 ta’ Gunju, 2001 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

Illi l-azzjoni attrici kif diretta kontra l-konvenuti hija guridikament insostenibbli stante li fil-kaz odjern ma jissussistux l-elementi rikjesti mill-Ligi ai termini ta’ l-**Artikolu 535** tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex tirnexxi l-azzjoni ta’ l-ispoll, hekk kif proposta mill-atturi fl-Att ta’ Citazzjoni odjern. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali u l-verbal tas-seduta ta’ l-20 ta’ April, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat.

Illi kif jidher car mic-citazzjoni din hija kawza ta’ spoll. L-atturi qed isostnu illi l-konvenuti ostakolaw u allura ghalqu

l-access li qed jallegaw li kellhom fid-*drive-way* ghal gol-garaxx taghhom

billi pparkeggja l-vettura tal-marka Morris imsemmija. Kif hu maghruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi u dawn huma;

**1. il-pussess;**

**2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-mohbi jew kontra l-volonta' ta' l-attur; u**

**3. li l-azzjoni issir fi zmien xahrejn minn meta jkun sehh l-ispoll.**

Il-konvenuti f'din il-kawza ntavolaw l-eccezzjoni generika illi ma jissusstixxux l-elementi ta' l-azzjoni ta' spoll.

L-atturi ppresentaw affidavits a fol 22 *et sequitur* fejn qalu illi f'Awwissu 2000 applika biex jaghmlu xi xoghlijiet f'dan il-passagg u senjatament li biex ihottu l-fdalijiet ta' cint fil-bidu tad-*drive-way* u jergghu jibnuh ghax kien xi fi stat perikolanti. Il-konvenut kien intavola proceduri ta' mandat ta' inibizzjoni li pero' gew michuda. F'Marzu 2001 il-konvenut ipparkja l-vettura imsemmija b'mod li ma setax jaccedi ghal go l-istess garaxx.

Kontro-ezaminat, il-konvenut ammetta li hu pogga l-karozza biex jirritalja ghall-fatt li skond hu, l-atturi qabdu u bnew fuq proprjeta' li hu jqisha tieghu in koproprjeta' ma' l-atturi. (Seduta 20 ta'April, 2005).

Ghandu jinghad illi fis-seduta tad-19 ta' April, 2004 il-partijiet qablu illi l-provi migbura fil-kawza fl-ismijiet inversi li ggib in-numru 767/01 jikkostitwixu prova f'din il-kawza ukoll.

Ghalkemm il-kawza hija dik ta' spoll f'dan il-kaz gew esebiti fil-kawza msemmija diversi dokumenti li jindikaw

kjarament li l-vertenza bejn il-partijiet hija wahda ta' proprjeta'. Kif spiss

jigri pero', l-azzjonijiet ta' xi parti jwasslu ghal kawzi ta' spoll qabel ma jigu definiti kwistjonijiet petiorji. Ghandu jinghad mill-ewwel li dawn id-dokumenti ma ghandhom ebda rilevanza f'dawn il-kawzi.

Fil-fehma tal-Qorti il-kwistjoni principali f'din il-kawza hija jekk l-atturi kellhomx il-pussess tal-passagg qabel il-konvenut pogga l-karozza msemmija ghaliex ma hemm ebda dubbju li l-konvenut ghamel dan proprju biex ma jhallix lill-attur jghaddi bhala proprjetarju tal-passagg a skapitu tal-pretensjonijiet petitorji tieghu. Il-Qorti ma tistax tiddeciedi dwar il-kwezit petitorju (illi indubbjament hemm bzonn kbir li jigi rizolt bejn il-partijiet ghaliex certament il-paci bejn il-kontendenti titlob rizoluzzjoni definititva ta' din il-problema) <u>ghaliex quddiemha ghandha biss il-kwistjoni possessorja.</u>

Fis-sentenza <u>Delia vs Schembri</u> (Prim'Awla - 4 ta' Frar, 1958) gie ritenut illi;

*L-azzjoni ta' spoll iservi biex tipprotegi l-pussess, ikun x' ikun .. li jigi vjolentement jew okkultament mehuda minn ghand il-possessur jew detentur u gie deciz kemm il-darba li tapplika ukoll ghat-tutela tal-kwazi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata .. jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li ghalkemm jista' jkollu dritt ghalih ma jistax jesercitah minghajr intervent tal-Qorti.*

Fi kliem Pacifici Mazzoni spoll vjolent huwa "*qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato*". (Vol III Sez. 52).

Kif gie ritenut fil-kawza <u>Margherita Fenech vs Pawla Zammit</u> deciza fit-12 ta' April, 1958;

*L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut ta' gustizzja hija*

*eminentement intiza l-protezzjoni ta' kwalunkwe pussess u jigi impedut lic-cittadin privat li jiehu l-ligi f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat.*

Kif ukoll gie ritenut;

*Kif kellha okkazjoni tesprimi ruhha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indagini li trid issir hija wahda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f'ebda legislazzjoni ohra u kompliet tghid illi ghalhekk indaginijiet ibbazati fuq x'jghidu u ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani huma ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna – Appell Civili –* Cardona vs Tabone *– deciza fid-9 ta' Marzu, 1992).*

Fil-kaz in kwistjoni pero' tqum il-problema addizzjonali dwar jekk japplikax il-principju *vim vi ripellere licet*. Ma hemm infatti ebda dubbju kif gia' intqal li l-konvenut pogga l-karozza qabel ma giet intavolata l-kawza biex ma jhallux l-attur jghaddi. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Camilleri vs Bonello (5 ta' Ottubru, 1998);

*F'azzjoni possessorja ta' din ix-xorta l-att turbattiv tal-pussess li ta lok ghaliha ghandu dejjem ikun identifikabbli u ghandu jigi bi precizjoni identifikat (spolitaum fuisse) bhala fatt li sar fi zmien determinat mhux biss ghaliex mill-mument meta javvera ruhu li d-dekadenza estintiva ta' l-azzjoni jibda jiddekorri imma ukoll ghaliex it-talba jehtieg tkun ghar-reintegrazzoni ta' l-attur..*

Il-Qorti ccitat sentenza antika (Vol XXIV pt 1 pagna 281) illi irriteniet;

*Dell'altro canto chi rimuove ostacoli trovati el passaggio ale proprie terre per apririvi l'accesso che prima possedeva non*

*fa' atto violento, ne' commette spoglio, ne' si fa' giustizia da se ma esercita il su diritto entro i limiti del suo possesso, o meglio, afferma e continua il proprio possesso di cui era in godimento legittimo che fu turbato da chi ha posto quegli ostacoli.*

Il-Qorti mbaghad qalet li dan naturalment japplika *a contrario senso.* Naturalment din l-azzjoni tal-konvenut trid tkun saret immedjatament wara li jkun sar l-ispoll tal-attur biex tkun gustifikata. (ara wkoll is-sentenzi Pellegrini Petit vs Sammut – Appell 16 ta' Jannar, 1920 u Sammut vs Sammut – Prim'Awla 31 ta' Jannar, 2003).

Ghalhekk il-Qorti trid tiddeciedi jekk l-atturi kellhomx pussess; jekk kienx l-istess attur li ha l-ligi b'idejh u kwindi kkometta l-ispoll hu u allura l-konvenut kellux dritt jirrespingi l-ispoll permezz ta' spoll iehor – haga li hija permessa mill-gurisprudenza purke l-azzjoni tieghu tkun proporzjonata (fis-sens li jerga jpoggi l-affarijiet ghall-istat li kienu qabel l-ispoll) u mmedjata.

Il-Qorti konvinta illi ghall-konvenut, l-atturi kkomettew spoll u ghalhekk il-Qorti jidhrilha li l-konvenuti irrispondew ghal dak li dehrlu li kien spoll ta' l-atturi billi kkometta spoll hu – haga illi fic-cirkostanzi tista' tkun permissibbli skond il-gurisprudenza fuq imsemmija. Madankollu l-azzjoni tieghu bl-ebda mod ma kienet proporzjonata u hu ma jistax jghid li ragga l-posizzjoni ghal dik li kienet qabel. Ghalhekk f'dan il-kaz l-azzjoni tieghu ma tistax tkun accettata u tollerata. Il-Qorti thoss ukoll li hemm dik li bl-ingliz tissejjah *pettiness* fl-azzjoni tal-konvenut. Naturalment l-esitu ta' din il-kawza ma jeffetwa b'ebda mod id-drittijiet petitorji tal-partijiet li jibqghu impregudikati.

L-argument tal-konvenut li hu kien jikkopossjedi l-passagg m'hijiex legalment gustifikata ghaliex jista' jsir spoll ta' ko-pussess – ara s-sentenza Pullicino noe vs Reader moghtija

minn din il-Qorti fis-6 ta' Gunju, 2005. Rigward l-element taz-zmien ma hemm ebda kontestazzjoni li l-azzjoni saret entro' x-xahrejn rikjesti mil-ligi.

**Ghaldaqstant il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u tordna lill-konvenuti biex fi zmien xahar inehhu l-vettura imsemmija fic-citazzjoni mill-ambjenti msemmija u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi jaghmlu dan huma a spejjes tal-konvenuti.**

**L-ispejjes ghandhom ukoll jithallsu mill-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------